DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/669

tal-24 ta' April 2015

li tħassar id-Deċiżjoni 2007/421/KE dwar il-pubblikazzjoni tal-lista tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li ġew innotifikati mill-Istati Membri skont id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE

(notifikata bid-dokument C(2015) 2596)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/421/KE ([2]) tipprovdi li d-Direttur Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport għandu jippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* lista aġġornata tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont id-Direttiva 94/57/KE ([3]) qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena.

(2) Id-Direttiva 94/57/KE ġiet riformolata f'żewġ dokumenti legali separati tal-Komunità, id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u r-Regolament (KE) Nru 391/2009. Dak ir-Regolament fih dispożizzjonijiet dwar it-tfassil u l-aġġornar ta' lista ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti.

(3) Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009, il-Kummissjoni tfassal u taġġorna regolarment lista tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont dak l-Artikolu u dik il-lista tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) Id-Deċiżjoni 2007/421/KE ma għadhiex relevanti u, għalhekk, għandha tiġi revokata filwaqt li, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandha tiġi ppubblikata f'intervalli regolari lista aġġornata tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/421/KE titħassar.

Artikolu 2

Qabel il-31 ta' Awwissu 2015, id-Direttur Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport għandu jippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, lista tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 li għandha tiġi aġġornata kull meta jkun meħtieġ biex tqis il-bidliet fl-entitajiet ġuridiċi inklużi f'dik il-lista.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/421/KE tal-14 ta' Ġunju 2007 li tħassar id-Deċiżjoni 96/587/KE dwar il-pubblikazzjoni tal-lista tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li ġew innotifikati mill-Istati Membri skont id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE (ĠU L 157, 19.6.2007, p. 18).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet relevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 319, 12.12.1994, p. 20).
([4]) Id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).